# MALTA

## Il-Gżira tan-Nawfraġju ta' San Pawl



**Li l-gżira "Melite" li jsemmi San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli, Kap. 28 u li fuqha San Pawl sofra l-għarqa, fi triqtu lejn Ruma u li fiha qatta' tliet xhur flimkien ma' sħabu, hija tassew il-gżira xemxija tagħna huwa fatt storiku u bibbliku. L-istudjużi kollha tal-Bibbja, kemm Kattoliċi kif ukoll Protestanti, kollha jaqblu dwar dan il-fatt. Mhux ta' b'xejn li l-għażiża gżira tagħna Maltija hija magħrufa mill-barranin bħala "Il-Gżira ta' San Pawl" jew "Il-Gżira tan-Nawfraġju ta' San Pawl".**

B'danakollu fl-imgħaddi ġieli kien hemm min ipprova jqajjem xi dubbji dwar dan u pprova jisraq dan l-unur kbir mill-istorja glorjuża ta' ġensna biex jagħmlu tiegħu. L-unur tan-nawfraġju Pawlin kulħadd jixtiequ għandu. U għalhekk kien hemm min fl-imgħoddi jqajjem kontroversja dwar in-nawfraġju ta' San Pawl fuq gżiritna.

Sas-seklu għaxra qatt ħadd ma għaddielu minn moħħu li jitfa' l-iċken dubju jew suspett li "Melite" ta' l-Atti ta' l-Appostli ma kenitx il-gżira tagħna Maltija, miżgħuda b'tant tifkiriet u tradizzjonijiet ta' din il-ġrajja bibblika.

Iżda fis-seklu għaxra, fi żmien meta Malta kienet taħt il-ħakma Għarbija, l-Imperatur Bizantin Kostantinu Porfirogenito, fil-kitba tiegħu "De administrando imperio" ħareġ bit-teorija li San Pawl ma sofriex il-għarqa fil-gżira tagħna iżda fil-gżira ta' Meleda, gżira ċkejkna li tinsab fl-Adrijatiku, fil-golf ta' Venezja u li dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-imperu Bizantin.

Naturalment, il-Maltin matul id-dominazzjoni Għarbija ma kenux f'posizzjoni li jikkonfutaw din it-teorija. B'danakollu din it-teorija ma sabitx l-appoġġ ta' l-istudjużi tal-Bibbja ta' dak iż-żmien. Fil-fatt kulħadd baqa' jżomm li l-gżira Melita fejn kien għereq San Pawl kienet il-gżira ċkejkna tagħna, f'nofs il-baħar tal-Mediterran. U għal mijiet ta' snin, it-teorija ta' Kostantinu Porfirogenito, baqgħet qisha nota stunata li ma kienet iddoqq għal widnejn ħadd.

Iżda wara ħafna sekli, xi kittieba reġgħu tħajru jqajmu mill-ġdid din it-teorija u ppruvaw jipperswadu lid-dinja li n-nawfraġju ta' San Pawl kien ġara fuq il-gżira ta' Meleda li llum tagħmel parti mid-Dalmazja fil-Jugoslavja. L-aktar famuż fost dawn kien Ignazio Giorgi, Patri Benedittin mid-Dalmazja.

Patri Giorgi, imqanqal minn imħabba speċjali lejn pajjiżu, fis-sena 1730 ippubblika l-ktieb tiegħu "Ispezioni Anticritiche sul Naufragio di San Paolo". F'dan il-ktieb, l-awtur ipprova b'argumenti dgħajfa jwaqqa' u jġib fix-xejn it-tradizzjonijiet pawlini kollha ta' Malta biex jipprova t-teżi tiegħu li San Pawl sofra l-għarqa f'pajjiżu u mhux fuq il-gżira Maltija kif kulħadd kien jemmen.

### POLEMIKA U KONTROVERSJA

Dan il-ktieb qajjem polemika u kontroversja kbira fost l-istudjużi kollha, kemm Maltin kif ukoll barranin. Iżda r-riżultat ta' din il-kontroversja kien tassew trijonf għal Malta. Kuntrarju għal dak li ħaseb u xtaq Giorgi, il-verità storika tan-nawfraġju Pawlin fuq gżiritna bir-raġun kollu tgħożżu u tiftaħar bih, mhux biss Malta ma tilfitux, anzi talli iżjed ġie aċċertat u rikonoxxut minn kulħadd.

Il-maġġuranza tal-kittieba u l-istudjużi barranin ikkritikaw u kitbu bil-qawwa kontra t-teżi ta' Giorgi. Il-vot tagħhom kien b'mod unanimu favur il-gżira tagħna.

Minn naħa tagħhom, il-kittieba u l-istudjużi Maltin ma baqgħux lura. Soda u qawwija kienet l-opposizzjoni ta' l-istudjużi Maltin li b'argumenti sodi, ġarrfu t-teżi ta' Giorgi u sostnew bil-qawwa kollha l-istoriċità tal-miġja ta' San Pawl, l-Appostlu tal-Mediterran kif sejjaħlu tajjeb il-Papa Ġwanni Pawlu II, fuq il-gżejjer Maltin.

L-akbar unur u ġieħ f'din il-kontroversja sħuna li qajjem il-ktieb ta' Giorgi, imur lill-Konti Giovanni Antonio Ciantar li fis-sena 1738 ippubblika l-opra famuża tiegħu "De Beato Paulo Apost." B'argumenti sodi u intelliġenti, il-Konti Ciantar xejjen it-teżi ta' Giorgi u saħħaħ it-tradizzjonijiet pawlini tal-gżira Maltija.

Kittieba Maltin oħra kontra t-teżi ta' Giorgi kienu fost oħrajn Patri Attardi, Patri Uberto di San Gaspare u l-Kanonku Agius de Soldanis.

Kienet tassew rebħa kbira għal Malta Pawlina s-sentenza tal-Papa Benedettu XIV li fiha bla tlaqliq u b'mod l-aktar awtorevoli iddikjara darba għal dejjem li "Melita" ta' l-Atti ta' l-Appostli hija "Melita li tinsab bejn Sqallija u l-Afrika u li fiha kienu joqogħdu l-Kavallieri ta' San Ġwann, u mhux Melita li qegħda fil-baħar Adrijatiku, qrib, id-Dalmazja, kif isostni Ignazio Giorgi" (Melitam quae inter Siciliam et Africam posita est, ubi Equites Hierosolimitani sedem iamdiu statuerunt, non illam Melitam, quae sita est ad mare Adriaticum, prope Dalmatiam, ut Ignatius Giorgi contendit – in. Instit. Eccles. Inst. XLVII. Num 56).

Tabilħaqq jekk wieħed jistudja bir-reqqa u b'moħħ miftuħ id-deskrizzjoni ta' San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli ma jistax jasal għal konklużjoni oħra differenti minn din. Iċ-ċirkustanzi kollha msemmija bid-dettalji kollha tal-vjaġġ, tal-għarqa, tal-irwiefen, tax-xatt, tan-nies tal-gżira u tal-persunaġġi msemmija, kollha juru dan. Ma' dawn irridu nżidu t-tradizzjonijiet Pawlini li jeżistu fil-gżira u l-konklużjonijiet ta' Capt. Smith u Capt. Graves dwar il-baħar u l-post tan-nawfraġju.

Dan kollu jurina li t-teorija li San Pawl mar Meleda flok ma ġie Malta, hija biss teorija, ipotesi jew aħjar ħlieqa li ħadd ma jista' jemminha jew jaċċettaha. Bir-raġun li Malta tagħna kollha kburija tqis ruħha bħala l-gżira ta' San Pawl u lil dan il-kbir Appostlu tqisu bħala "Pawlu ta' Malta".

**Kan. JOHN CIARLO'**